# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Minuti**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura**

**Laqgħa Numru 26/2025**

Data: L-Erbgħa 17 ta' Settembru 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| Skużat/i: | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

26.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

26.2 MINUTI

26.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

# KUNSILL LOKALI FGURA


26.4 KORRISPONDENZA

26.5 PLANNING AUTHORITY

26.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

26.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

26.8 MISTOQSIJIET

26.9 MOZZJONIJIET

26.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

26.11 FINANZI

26.12 TRAFFIC MANAGEMENT

26.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

26.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

26.15 STAFF

26.16 PURCHASE REQUEST FORM

26.17 ĦLASIJIET

26.18 AĠĠORNAMENT


Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 26.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**26.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija mingħand il-Kuns R Ellul u l-Kuns A Tanti. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 26.2 MINUTI

**26.2.1** Il-Kuns J Scicluna ressqet emenda tal-minuti u kjarifika tal-laqgħa li saret fl-20 ta' Awwissu 2025, f'paragrafu 25.3.1, linja numru 10 annessa bħala 'Dok A'.

L-emenda għaddiet nem con.

**26.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7236/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 25/2025 bid-data 20 ta' Awwissu 2025.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'5 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns J Scicluna

Astenzjoni – Kuns C Bonello

**26.2.3** Il-Kuns R Deguara qal li qabel, mehmuża mal-minuti kienu jintbagħtu l-mozzjonijiet ukoll u li issa m'għadhiex issir. Hawn qamet diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill. Il-Kuns R Deguara qal li qed jirreferi wkoll għall-lista tal-ħlasijiet u l-PRFPO. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-mozzjonijiet ma għandhomx għalfejn ikunu mehmużi mal-minuti peress li jkunu miktubin fil-minuti stess, però il-lista tal-ħlasijiet u l-PRFPO għandhom ikunu mehmużi.

## 26.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**26.3.1** Il-Kuns J Scicluna qrat dikjarazzjoni annessa bħala 'Dok B'.

**26.3.2** Il-Kuns J Scicluna qrat dikjarazzjoni fuq il-kontra dikjarazzjoni tas-Sindku, annessa bħala 'Dok Ċ'

**26.3.3** Is-Sindku qara dikjarazzjoni annessa bħala 'Dok D'.

## 26.4 KORRISPONDENZA

**26.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li beda t-tiġdid tal-ID cards fejn din l-informazzjoni ġiet mgħotija lill-Kappillan u anka ttellgħet fuq il-midja soċjali sabiex ir-residenti jkunu nfurmati, però kull ma ġew biex iġeddu l-ID card kienu

250 ruħ biss, minħabba li l-ammont ta' residenti li għandhom l-ID card skaduta huwa ta' 3,000 ruħ. Is-Sindku qal biex kemm jista jkun titmexxa aktar il-kelma, u li s-servizz għandu sa nhar is-Sibt 20 ta' Settembru, u huwa għal tiġdid biss u mhux għal tibdil fl-indirizzi jew għal min tilef l-ID card.

**26.4.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ġie avviċinat mill-PBS fejn qed iduru kull lokal sabiex isir programm ta' nofs siegħa fil-ġimgħa ddedikat għall-Kunsilli Lokali, li ser juri l-ħidma li qed issir fil-livell lokali u reġjonali, kif ukoll jagħti vuċi lir-residenti dwar inizjattivi, proġetti u suġġetti ta' interess pubbliku. Is-Sindku qal ukoll li huwa ġie nfurmat li kellhom jinbidlu l-ġranet minn Novembru għal bejn Diċembru u Jannar.

**26.4.3** Is-Sindku nforma l-kamra rigward żewġ studenti tal-'counselling' li waslu biex jiggradwaw, u li ser jibdew jagħmlu l-prattika tagħhom fil-klassi tat-tieni sular fil-Kunsill Lokali mill-1 ta' Ottubru 2025 sat-30 ta' Mejju 2026, nhar ta' Tlieta, Erbgħa, Ġimgħa u Sibt mill-16:00 hrs sas-19:00 hrs. Is-Sindku qal li dawn l-istudenti ser jiġu dejjem imma kull meta jkollhom il-'bookings' tal-appuntamenti mal-klijenti tagħhom. Il-Kunsill approva.

**26.4.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill wasal biex japplika għall-Belt Kapitali Ewropea 2030, fejn qed jinħadem il-'bid book' u wasal fl-aħħar, fejn bħala Kunsill, fil-leġislatura li għaddiet ġew ippreżentati l-pjanti ta' Wied Blandun. Is-Sindku qal li dan il-proġett kien jiswa ħafna flus u l-President tar-Reġjun kien spjega li jekk il-Birgu tintrebaħ bħala l-Belt Kapitali Ewropea, kull Kunsill irid idaħħal xi tip ta' proġett. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm qbil bħala Kunsill li jiddaħħal il-proġett ta' Wied Blandun, biex jiġi pubbliku għan-nies, fejn ġie mdaħħal fil-'bid book'. Is-Sindku kompla jgħid li minħabba li ser jiddaħħlu aktar attivitajiet kulturali fil-'bid book', intagħżel direttur artistiku u r-Reġjun bagħat lill-Kunsilli Lokali kollha biex issir laqgħa miegħu biex wara jingħata l-'feedback' lill-President tar-Reġjun u jkompli jimtela l-'bid book'. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li din il-laqgħa ssir fid-29 ta' Settembru mill-17:00 hrs sa 19:00 hrs.

**26.4.5** Is-Sindku nforma l-kamra li ħarġet 'policy' ġdida tal-bank li ma tistax tinbidel l-'insurance' sakemm jinqata l-'loan' tal-binja li għandu l-Kunsill. Is-Sindku qal li kull sena l-Kunsill iġib il-kwotazzjonijiet minħabba l-'insurance'. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok E'. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-'istanding order' tibqa l-istess però jekk l-'insurance premium' jinbidel, iridu jkunu nfurmati biex tiġi rranġata l-'istanding order'.

## 26.5 PLANNING AUTHORITY

**26.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li peress li fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jappella kontra s-'supermarket' ta' Triq il-Merħba, l-avukat tal-Kunsill bagħat fuq x'hiex il-Kunsill ser jappella. Is-Sindku qara l-ittra tal-avukat annessa bħala 'Dok F'.

## 26.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**26.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 26.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**26.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kuns R Deguara ma xtaqx li jibqa fil-bord tat-tenders u li ser jaħtar lil persuna oħra minn barra l-Kunsill. Is-Sindku qassam il-lista emendata bl-ismijiet tal-membri fil-bord tat-tenders lill-membri tal-Kunsill annessa bħala 'Dok Ġ'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7237/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-emenda ta' membru mis-Sotto Kumitati - Tender Adjudication Board, wara li Ray Deguara ma xtaqx li jibqa fil-bord u jinħatar floku Andre Mizzi skond il-lista annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill għandu żewġt printers ma jaħdmux u għaldaqstant ser issir 'write off' tagħhom.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7238/25/9** 'Sabiex issir write off mill-fixed assets ta' żewġt printers li kienu jintużaw fir-reception u l-ieħor mill-eks impjegata tal-Kunsill tal-Fgura wara li ma baqgħux jipprintjaw u jaħdmu tajjeb. Il-parts tagħhom huma diffiċli u għoljin hafna jekk jinstabu hekk kif inhu anness.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li ltaqa l-bord tal-Onorifiċenzi u ntagħżlu n-nies. Is-Sindku qara dokument bl-ismijiet tal-persuni li ser jingħataw Ġieħ il-Fgura, Ħajr il-Fgura, Rikonoxximenti, Post-Mortem, Rikonoxximent Speċjali u Stilel Fgurin anness bħala 'Dok Ħ'. Is-Sindku qal li ser jingħataw il-midalja ta' Ġieħ il-Fgura u Ħajr il-Fgura, l-istilel u ċ-ċertifikati wkoll. Is-Sindku qal ukoll li l-bord ser jiltaqa' sabiex bħas-sena l-oħra, is-Segretarju u c-'chairman' itellgħu bil-polza biex jaraw min ser jintagħżel u jagħti r-rikonoxximenti. Huwa kompla jgħid li Ġieħ il-Fgura jingħata dejjem mis-Sindku. Il-Kuns C Bonello qal li huwa jaqbel mal-lista kollha tal-ismijiet ħlief għall-'post mortem' ta' Joseph Bonello, peress li

huwa missieru u għaldaqstant jiġi bħala kunflitt ta' nteress. Il-Kuns C Bonello qara dikjarazzjoni annessa bħala 'Dok I'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7239/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-lista annessa ta' l-Onorifiċenzi ta' Jum il-Fgura 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ġie nfurmat mill-FSWS li hemm air condition ieħor li mhux qed jaħdem. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk ikun hemm approvazzjoni, jerġa jiġi kkuntattjat it-'technician' biex forsi jissewwa jekk ma jkunx hemm bżonn li jinbidel. Il-Kunsill approva

**26.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li peress li qed tintuża l-kċina tas-sular ta' fuq, il-ħajt qed jimtela kollu moffa u għaldaqstant inġabru l-kwotazzjonijiet biex isir madum irqiq tat-'travertine' bħala 'backsplash' mal-ħajt, minħabba raġunijiet ta' iġene.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7240/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni biex isir il-madum tat-travertine mal-ħajt tal-kitchenette tas-sular ta' fuq.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li qed jiġi mtajjar il-'gypsum' mad-dawra tal-ħajt tas-sala, u għaldaqstant inġabru l-kwotazzjonijiet biex is-sena d-dieħla ssir bordura tal-madum irqiq tat-'travertine' bil-bastun.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7241/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni għall-materjal tat-travertine biex isir id-dawra tas-sala kollha.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li ser iressaq mozzjoni għat-tqegħid tat-travertine fil-kċina ta' fuq u mad-dawra tas-sala. Il-Kuns C Bonello staqsa kemm ser tkun l-ispiża u s-Sindku wieġeb li bil-VAT b'kollox l-ispiża ser tkun ta' €5881. Il-Kuns C Bonello u l-Kuns J Scicluna qalu li dan l-ammont huwa għoli wisq, u għaldaqstant kien hemm qbil li jinġabru aktar kwotazzjonijiet.

**26.7.8** Is-Sindku nforma l-kamra li din is-sena ser isir it-tberik tal-annimali fuq iz-zuntier tal-Knisja fil-5 ta' Ottubru 2025, fejn ser jiġi nfurmat il-Kappillan.
Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7242/25/9** 'Sabiex isir it-tberik tal-annimali fuq iz-zuntier tal-Knisja nhar il-Hadd 5 ta' Ottubru 2025 ghall-ispiza ta' mhux aktar minn €500.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li waslu l-kwotazzjonijiet minħabba l-'insurance' tal-vann tal-ħaddiema tal-Kunsill, fejn l-irħas waħda kienet ta' €622.40. Is-Sindku qal li l-Kunsill tkellem mad-diviżjoni tal-Gvern Lokali, fejn ingħata l-parir li l-vann jista jinbiegħ u jinxtara ieħor li jkun aħjar u li jkun bil-kaxxa, però is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-amministrazzjoni għadha qed tara l-proċess kif inhu.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7243/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iħallas l-insurance tal-vann tal-Kunsill IBL 985 skond l-irħas kwotazzjoni annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 26.8 MISTOQSIJIET

**26.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 26.9 MOZZJONIJIET

**26.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 26.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**26.10.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ngħalaq it-tender tal-'pocket park' ta' bejn il-bini ta' Triq is-Sur.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7244/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-tender għal Pocket Park (skema SPI/SCI/3/2020) skond kif inhu anness. (Anthony Scerri)'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.10.2** Is-Sindku nforma l-kamra li kif kien semma fil-laqgħa li għaddiet, it-tenderer li kellu l-Kunsill ser ibiddel ix-xogħol tiegħu u ċċekkja ma fejn ser ikun impjegat peress li joħloq it-tenders għall-Kunsilli Lokali u ma ppermettulux li jagħmel hekk minħabba konflitt ta' nteress, u għaldaqstant ser ikollu jirriżenja. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġabar aktar kwotazzjonijiet għall-istess xogħol tiegħu, fejn l-irħas waħda kienet ta' €45 is-siegħa.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7245/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa' l-aħjar offerta sabiex jaħtar Tenderer (Romario Brignone) skond l-irħas kwotazzjoni annessa. Din il-quotation teskludi t-tenders kollha li għandhom x'jaqsmu mal-monument il-ġdid tal-Madonna.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.10.3** Is-Sindku nforma l-kamra li tħabbar min rebaħ it-tender tal-knis u kien hemm appell il-PCRB, fejn dan l-appell intrebaħ mis-Sur Scerri u mhux minn min appella. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill irid jistenna minħabba li l-kuntrattur l-antik, bid-dritt tal-liġi għandu ċans għoxrin jum li jista jieħu l-qorti lil min rebaħ l-appell. Is-Sindku qal li minn naħa tal-PCRB, kemm il-Kunsill kif ukoll il-'winning bidder' ingħata raġun u li min għamel l-appell, appella li l-'winning bidder' għandu prezz baxx ħafna, fejn il-PCRB qalet li m'għandux raġun. Is-Sindku kompla jgħid li jekk isir dan, il-Kunsill ikollu jmur għal 'direct order', tiġi avżata d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u jinġabru kwotazzjonijiet ta' kuntratturi oħra, u li kemm il-'winning bidder' u min appella ma jistax jaħdem fil-Fgura. Is-Sindku żied jgħid li dan huwa proċess li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tapprovah minħabba li huwa xogħol essenzjali.

## 26.11 FINANZI

**26.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 26.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**26.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li hemm 'policy' ġdida ta' Transport Malta li jekk il-Kunsill ma jkollux approvazzjoni bil-miktub ta' sitt residenti, tlieta minn naħa u tlieta minn naħa l-oħra fejn ser titwaħħal l-'isleeping policeman', din ma tistax titwaħħal. Is-Sindku qal li ntalbet li titwaħħal waħda fi Triq ir-Rgħajja u għaldaqstant kif jinġabru l-firem jintbagħtu lil Transport Malta, u titwaħħal l-'isleeping policeman'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7246/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal sleeping policeman ma' Transport Malta wara li rċieva talba mingħand ħames residenti fi Triq ir-Rgħajja.

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.12.2** Is-Sindku nforma l-kamra li qed ikun hemm ħafna lmenti mir-residenti rigward il-parkeġġ fil-Fgura, anke minħabba l-proġett tad-'district park', u għaldaqstant għandhom isiru 'residential parkings' f'ċertu żoni fil-Fgura wara ċertu ħin. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li dawn isiru wara s-19:00 hrs sat-8:00 hrs f'ċertu toroq partikolari.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7247/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jiskatta l-proċess mal-entità responsabbli Transport Malta, sabiex fil-lokalità tal-Fgura jiġu stabbiliti żoni ta' residential parking. Dawn iż-żoni ta' parkeġġ ikunu riservati għar-residenti wara s-7.00pm sat-8.00am. Dawn huma l-main road, Vjal Kottoner, Triq A.M. Valperga, Triq San Tumas u Triq Mater Boni Consili.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 26.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**26.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza bil-pjanta tat-'traffic management' mingħand Infrastructure Malta annessa bħala 'Dok J' fejn ġie nfurmat li kienet ser tibda l-ewwel fażi tax-xogħol fi Vjal Kottoner. Is-Sindku qal li x-xogħol issa beda, però ċċekkja mal-kuntrattur peress li ma kienx hemm ħaddiema fejn ġie nfurmat li x-xogħol kellu jieqaf bilfors, minħabba li kien hemm permess nieqes minn naħa tal-Water Services Corporation. Is-Sindku qal li ġie nfurmat ukoll li l-permess ingħata u x-xogħol ser jitkompla.

**26.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li saru xi xogħolijiet fi Triq id-Dejma minn naħa tal-Water Services Corporation.

**26.13.3** Is-Sindku nforma l-kamra li fl-aħħar sena saru kważi ħdax - il triq minn Infrastructure Malta u li kien hemm talba sabiex issir ukoll Triq il-Ward tax-Xemx.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7248/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jagħmel talba formali lil Infrastructure Malta biex isir il-bini mill-ġdid ta' Triq il-Ward tax-Xemx.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.13.4** Il-Kuns M Lombardo staqsa rigward Triq il-Bieb peress li kellu jsir il-parkeġġ fuq naħa waħda, fejn is-Sindku wieġeb li ġiet mgħoddija lil perit u l-Kunsill għadu qed jistenna mingħandha. Is-Sindku qal li għandha tintbagħat tfakkira lill-perit rigward dan.

## 26.14 PROGRESS TA' HIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**26.14.1** Is-Sindku qal li l-Kuns A Tanti kien għadda mozzjoni sabiex isiru żewġ 'cat shelters' tal-'marine plywood', fejn kienu nġabru l-kwotazzjonijiet u bl-istess prezz il-Kunsill irnexxielu jagħmel ħamsa.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7249/25/9** 'Referenza għall-mozzjoni 6976/24/9; Sabiex dan il-Kunsill jaħdem 5 cat shelters tal-marine plywood. Tnejn minnhom għandhom jiġu nstallati f'dawn it-toroq li ġejjin: Triq l-iskola u Triq Louis Schikluna fuq in-naħa ta' ġewwa fejn tagħlaq it-triq.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.14.2** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7250/25/9** 'Sabiex jiġu organizzati dawn l-attivitajiet għal Jum il-Fgura 2025: 1. Ċelebrazzjoni ta' Jum il-Fgura fl-iskola Primarja DunĠużepp Zerafa nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru fit-8.30am, 2. Ċelebrazzjoni ta' Jum il-Fgura fl-iskola Primarja Nazzareno Farrugia nhar l-Erbgħa 22 ta' Ottubru fit-8.30am, 3. Kunċert u ċerimonja, il-Fgura Trodd Ħajr nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru fis-7.30pm, 4. Korteo, quddiesa u ċerimonja uffiċjali nhar il-Ħadd 26 ta' Ottubru fid-9am.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.14.3** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7251/25/9** 'Sabiex isir l-armar neċessarju ta' toroq, pjazez u z-zuntier tal-Knisja għaċ-

ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Fgura 2025 skond il-quotation annessa ta' mhux aktar minn 3250 ewro.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.14.4** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7252/25/9** 'Allokazzjoni ta' mhux aktar minn 3000 ewro sabiex tkopri l-ispejjeż konnessi mal-organizzazzjoni ta' Jum il-Fgura, li tinkludi stampar tal-programm tal-kunċert, servizz ta' compere, inviti, ċertifikati, tokens, ribbons, fjuri, kuruni tar-rand u servizz ta' fotografija u permessi.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.14.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7253/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-quote annessa biex jinxtraw 10 midalji tal-fidda għal Ħajr il-Fgura għas-somma ta' €400.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.14.6** Il-Kuns M Lombardo qal li l-korsijiet tal-'lifelong learning' ser ikunu qed jibdew f'Ottubru li ġej u li l-Junior Science Club din is-sena mhux ser isir.

**26.14.7** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li beda l-kors tat-3D printing il-ġimgħa li għaddiet.

**26.14.8** Il-Kuns I Catania De Giovanni qassam dokument lill-membri tal-Kunsill anness bħala 'Dok K', fejn spjega rigward kif ser tkun imqassma l-app tal-Fgura.

Il-Kuns I Catania De Giovanni ressaq mozzjoni ref: **7254/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika u jibda jaħdem fuq l-app biex issir għall-ispiża ta' mhux aktar minn €891.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.14.9** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħħa. Il-Kuns J Scicluna qalet li matul dan l-aħħar xahar kellha laqgħat mas-Sindku u mas-Sotto Kumitat Nisà fis-Soċjetà fejn qed jaħdmu fuq l-attivitajiet li jmiss. Il-Kuns J Scicluna qalet li nhar is-Sibt ser jerġgħu jibdew is-sessjonijiet tac-'chair yoga' u l-'wellness' ġewwa s-sala tal-Kunsill.

**26.14.10** Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7255/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jixtri AED machine u titpoġġa quddiem il-binja tal-Kunsill sabiex tkun aċċessibli għan-nies f'każ ta' inċident barra għall-aħjar kwotazzjoni li tinstab.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.14.11** Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7256/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova attività dedikata għall-mard tal-cancer li ser tkun fil-31 ta' Ottubru 2025, fejn ser issir ġabra għall-NGO's. Budget ta' €300.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.14.12** Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7257/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova attività marbuta mal-Milied, Nisà fis-Socjetà fix-xahar ta' Diċembru 2025 ta' mhux aktar minn €1500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.14.13** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7258/25/9** 'Sabiex il-Kunsill jixtri projector screen għas-somma ta' mhux aktar minn €700.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 26.15 STAFF

**26.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7259/25/9** 'Sabiex ir-rikjesta tas-Sna Ann Marie Gatt Deputat Segretarju Eżekuttiv assenjata mal-Kunsill Lokali tal-Fgura, fejn qed titlob biex 41.50 hrs vacation leave li ma ttieħidx fis-sena 2025 jiġi mġedded u meħud fis-sena 2026, tiġi milqugħa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.15.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7260/25/9** 'Sabiex ir-rikjesta tas-Sna Zvetlana Pace skrivana assenjata mal-Kunsill Lokali tal-Fgura, fejn qed titlob biex 40 hrs vacation leave li ma ttieħidx fis-sena 2025 jiġi mġedded u meħud fis-sena 2026, tiġi milqugħa.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.15.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7261/25/9** 'Sabiex ir-rikjesta tas-Sur Robert Grech skrivan assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Fgura, fejn qed jitlob biex 41 hrs vacation leave li ma ttieħidx fis-sena 2025 jiġi mġedded u meħud fis-sena 2026, tiġi milqugħa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 26.16 PURCHASE REQUEST FORM

**26.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7262/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Settembru 2025 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok L')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 26.17 ĦLASIJIET

**26.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7263/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-lista tal-ħlasijiet minn 13/08/2025 sa 10/09/2025 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok M')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 26.18 AĠĠORNAMENT

**26.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:35 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 22 ta' Ottubru, 2025 fil-17:30hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Clayton Cascun Portelli<br>Sindku | Is-Sa Gwenith Calleja<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 17 ta' Settembru, 2025

'Dok A'

# MOZZJONI

Numru:

Emenda tal-Minuti u kjarifika.

Paragraph 25.3.1 Linja 10

Is-Sindku saqsa lil Josianne Scicluna fejn semgħet lil Avukat tal-Kunsill jgħid li l-appell kien sejjer jiswa €2,000 ewro.

Nixtieq nikkjarifika li jien ċdt l-avukat kien preżenti imma qalulna kien hemm. [illegible] li vuċi [illegible] [illegible] setgħet ma [illegible].

Proponent

Josianne Scicluna

Sekondant

EMENDI/ ADDENDA

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv / /

'Dok B'

**MOZZJONI** Diliġenzazzjoni

Numru:

Qedgħa nirtiri għal diliġenzazzjoni li ġiet preżentata fl-20 ta' Awissu 2025 u kienet ~~[illegible]~~ mill viċi sindku, minn Sa Josianne Sultana u Kunsillier Sur Andrea Tanti.

Fejn ma naqbilx ma sentenza jien ġie kwotat l-avukat tal-kunsill li qiegħed jieħu ħsieb l-appell, li mjurnata hu kemm se tkun l-ispiża tal-appell.

Għaliex konna għaddejna mozzjoni

Josianne Sultana

Proponent

Sekondant

EMENDI/ADDENDA

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv / /

'Dok Ċ'

# MOZZJONI

Numru:

~~[illegible]~~ Dikjarazzjoni fuq il-kontradizzjoni tas-sindku.

Jiena Josianne Scicluna fl-ebda ħin ma ġdt li l-avukat tal-kunsill qalli ~~[illegible]~~ ħu li l-appell jiswa € 2,000 ewro.

Josianne Scicluna

Proponent

Sekondant

EMENDI/ ADDENDA

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv / /

'Dok D'

**MOZZJONI** Dikjarazzjoni

Numru:

Qed nirtira is-sentenza fejn is-Sig Scicluna ma qablitx li l-avukat qal li l-appell gie jiswa €2000

Proponent

Sekondant

EMENDI/ ADDENDA

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv / /

Policy tal-Bank 'Dok E'

ma nistax nibqaw nibdlu insurance Habb loan

## Grech Robert at Fgura Local Council

**From:** Elaine Bezzina <elaine.bezzina@bov.com>
**Sent:** Friday, 12 September 2025 12:17
**To:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council
**Cc:** Grech Robert at Fgura Local Council; clayton
**Subject:** Re: Fgura Local Council - Thomas Smith Insurance Brokers - Insurance Project Inquiry

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Ghaziza Gwen,

L-istanding order tibqa l-istess, pero jekk l-insurance premium jinbidel tridu tinfurmawna halli nirrangaw l-istanding order.

Grazzi

Regards

**Elaine Bezzina**
Relationship Manager
Fgura Business Centre

**Bank of Valletta p.l.c**
Fgura Business Centre
Level 3 Fgura branch
57, Triq Hompesch
Il-Fgura
FGR 2012 - Malta
T: (356) 2275 5237
F: (356) 2275 5905

Internal Data

---

**From:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council <gwenith.a.calleja@gov.mt>
**Sent:** Thursday, September 11, 2025 21:15
**To:** Elaine Bezzina <elaine.bezzina@bov.com>
**Cc:** Grech Robert at Fgura Local Council <robert.grech.2@gov.mt>; clayton <cascun4fgura@gmail.com>
**Subject:** RE: Fgura Local Council - Thomas Smith Insurance Brokers - Insurance Project Inquiry

**CAUTION: EXTERNAL SENDER.** Please do not click on links or open attachments from senders you do not trust.

Ghaziza Elaine

Grazzi tal-informazzjoni u nikkonferma li l-flus gew iddepositati fil-kont tal-Kunsill.

Dwar l-istanding order bhala spisa ser tibqa l-istess u bl-istess kundizzjonijiet/kopertura li ghandna bhalissa?

grazzi

'Dok E'

Gwenith Calleja
Executive Secretary
Fgura Local Council
Port Regional Council

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt
gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

126/128, TRIQ H

**From:** Elaine Bezzina <elaine.bezzina@bov.com>
**Sent:** Thursday, 11 September 2025 11:17
**To:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council <gwenith.a.calleja@gov.mt>
**Cc:** Grech Robert at Fgura Local Council <robert.grech.2@gov.mt>
**Subject:** Re: Fgura Local Council - Thomas Smith Insurance Brokers - Insurance Project Inquiry

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Hi Gwen,

Just to let you know that reversal of premium for the amount of Eur3,811.19 has been effected.

Also kindly be informed that Policy No: P87007603 held with Mapfre Middlesea - Thomas Smith Insurance Brokers will be paid through a standing order due 20th August annually. This is covering the following risk addresses:-

- Premises A: Administrative Offices, 126-128 Triq Homepesch, Il-Fgura
- Premises B: Librerija Pubblika, gaetu Grech, Skola primarja, Triq Il-Karmnu, Il-Fgura -
- Premises C: Clubhouse, Pjazza Patri Redent Gauci, Il-Fgura -

Many thanks.

Regards

**Elaine Bezzina**
Relationship Manager
Fgura Business Centre

**Bank of Valletta p.l.c**
Fgura Business Centre
Level 3 Fgura branch
57, Triq Hompesch
Il-Fgura
FGR 2012 - Malta
T: (356) 2275 5237
F: (356) 2275 5905

Internal Data

---

**From:** Elaine Bezzina <elaine.bezzina@bov.com>
**Sent:** Thursday, September 11, 2025 10:19

'Dok F'

Planning Authority
St Francis Ravelin
Floriana, FRN1230

Date: 16th September 2025

Re: Objection to Application PC/00025/25 – To identify and specifically delineate the zoning, square meterage and location for the planned supermarket development.

Site Location: Triq id-Dejma C/W Triq il-Parrocca C/W New Streets, Fgura

Dear Sir/Madam,

I am instructed by Fgura Local Council of 126/128, Kunsill Lokali il-Fgura, Triq Hompesch, Fgura, FGR2015 to submit its formal objection to application PC/00025/25, which proposes to identify and specifically delineate the zoning, square meterage and location for the planned supermarket development for the site located at Triq id-Dejma C/W Triq il-Parrocca C/W New Streets, Fgura. This formal objection is being tabled due to:

**1. Insufficient Information on Project Density**

The application fails to provide adequate details regarding the overall project density. While the proposed maximum building height of 17.5 metres is referenced, as interpreted from the Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015 (DC15), there is no clear indication of the number of floors or total gross floor area to be developed. This omission prevents a proper assessment of the project's scale, intensity, and its potential impact on the surrounding urban fabric.

**2. Conflict with Strategic Planning Objectives**

The proposed development is inconsistent with several objectives outlined in the Strategic Plan for the Environment and Development (SPED), specifically:

'Dok F'

A. Urban Objectives:

(i) UO 3.6 – Safeguarding the character and amenity of existing urban areas.
(ii) UO 3.8 – Promoting sustainable urban development.
(iii) UO 3.9 – Ensuring adequate provision of public open space.
(iv) UO 4.2 & 4.3 – Managing urban expansion and ensuring compatibility with surrounding uses.

B. Thematic Objectives:

(i) TO 9.6 – Promoting quality design and urban form.
(ii) TO 9.7 – Enhancing the liveability and environmental quality of urban areas.

In light of the above, the Fgura Local Council formally requests to be registered as a third-party objector in relation to this application, in accordance with the relevant provisions of planning legislation.

We trust that the Planning Authority will give due consideration to the concerns raised herein and ensure that any development on this site aligns with the principles of sustainable and community-oriented urban planning.

Yours faithfully,

Avv. Ivan Meli
LL. B (Hons), M.Adv, LLM EU & Comp (Melit)
On behalf of the Fgura Local Council

'Dok Ġ'

# Sotto Kumitati 2024 - 2029

## Kumitat Finanzi

| | |
|---|---|
| Chairman | Clayton Cascun Portelli |
| Membru | Dr Ryan Ellul |
| Membru | Izak Catania De Giovanni |
| Membru | Mark Lombardo |
| Membru | Adrian Tanti |

## Sotto Kumitat. Traffic Management

| | |
|---|---|
| Chairman | Clayton Cascun Portelli |
| Membru | Charles Bonello |
| Membru | Dr Ryan Ellul |
| Membru | Ray Deguara |
| Membru | Mark Lombardo |
| Membru | Josianne Scicluna |

## Interviewing Board

| | |
|---|---|
| Chairman | Clayton Cascun Portelli |
| Membru | Charles Bonello |
| Membru | Ray Deguara |
| Membru | Izak Catania De Giovanni |

## Sotto Kumitat Residental Parking Scheme

| | |
|---|---|
| Chariman | Clayton Cascun Portelli |
| Membru | Darren Marmara' |
| Membru | Dr Ryan Ellul |
| Membru | Charles Bonello |
| Membru | Josianne Scicluna |

## Tender Adjudication Board

| | |
|---|---|
| Chairman | Clayton Cascun Portelli |
| Membru | Charles Bonello |
| Membru | Dr Ryan Elull |
| Membru | Andre Mizzi |

## Sotto Kumitat Bye-Laws

| | |
|---|---|
| Chariman | Clayton Cascun Portelli |
| Membru | Darren Marmara' |
| Membru | Mark Lombardo |
| Membru | Dr Ryan Ellul |

## Sotto Kumitat Onorificenzi

| | |
|---|---|
| Chairman | Lincoln Cowels |
| Segretarju | Andre Mizzi |
| Membru | Clayton Cascun Portelli |
| Membru | Charles Bonello |
| Membru | Ray Deguara |
| Membru | Mark Lombardo |
| Membru | Dr Ryan Ellul |

## Sotto Kumitat Nisa fis-Socjeta'

| | |
|---|---|
| Chairperson | Josianne Scicluna |
| membru | Doris Yeomans |
| membru | Mariella Darmanin |
| membru | Marlene Borg |
| membru | Maria Cini |

## Sotto Kumitat Monument tal-Madonna

| | |
|---|---|
| Chairman | Clayton Cascun Portelli |
| Membru | Charles Bonello |
| Membru | Anton Tanti |
| Membru | Ron Cutajar |
| Membru | Fr Joe Saliba |
| Membru | David Zammit |
| Membru | Christian Brincat |

update 07/09/2025

Onorificonzi

Jum il-Fgura

'Dok H' 13.

~~Dettar~~ Ser jithabru min ser iqassam ~~Fest~~ ikter il-qoddi.

# Detalji Onorificenza 2025

1 message

**Lincoln Cowles** <cowleslincoln@gmail.com> Tue, 26 Aug 2025 at 13:50
To: Andre Mizzi <andremizzi2008@gmail.com>

| Isem | Kunjom | Rikonoximent |
|---|---|---|
| Glenn | Micallef | Gieh il-Fgura* |

| | | |
|---|---|---|
| Anthony | Abdilla | Hajr il-Fgura* |
| Fr Herman | Duncon O Carm | Hajr il-Fgura* |
| Louis | Caruana | Hajr il-Fgura* |
| Christian | Brincat | Hajr il-Fgura* |
| Omar | Cassar | Hajr il-Fgura* |

| | | |
|---|---|---|
| Liana | Saliba Gazzano | Rikonoximent |
| Jurgen | Zerafa | Rikonoximent |
| Paul | Mallia | Rikonoximent |

| | | |
|---|---|---|
| Joseph | Carabott | Post mortem |
| Joe | Aguis | Post mortem |
| Joseph | Bonello | Post mortem |

| | | |
|---|---|---|
| Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu Fgura | | Rikonoximnet Specjali |

| | | |
|---|---|---|
| Edwin | Farrugia | Stilel Fgurin |
| Augusto | Cardinale | Stilel Fgurin |
| Andrew | Zahra | Stilel Fgurin |
| Paul | Mizzi | Stilel Fgurin |
| Shania | Degiorgo | Stilel Fgurin |

| |
|---|
| * Certifikat |

'Dok I'

# Dikjarazzjoni

Qed nivvota u naqbel mal-lista kollha annessa ~~apparti~~ tlief għal post mortem ta' Joseph Bonello li minħabba parentela qed nastjeni minn din il-nominazzjoni

C. Bonello

13/8/25

'Dok J'
Info 25.

## Calleja Gwenith at Fgura Local Council

**From:** Clayton Cascun Portelli <cascun4fgura@gmail.com>
**Sent:** Friday, 05 September 2025 15:26
**To:** Gatt Ann Marie at Fgura Local Council; Calleja Gwenith at Fgura Local Council
**Subject:** Fwd: FW: TMP Phase 1 Vjal i-Kottoner - Fgura
**Attachments:** 2023 Fgura-1a1 Vjal il-Kottoner - TM Phase 1 (Half Closure)Rev.B.pdf

